# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 9 ta' Dicembru, 1999 .

### Avviz numru 141/1998 G2 (PC)

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Marco Attard .**

**Il-Qorti ;**

**Rat l-avviz illi permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lil konvenut jghid ghaliex ma ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u tnejn u sebghin lira maltija u tnejn u sittin centezmu (LM572.62c), ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 560434 liema servizz gie nstallat fil-fond 16, Triq Klula, Kercem, Ghawdex ;**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu, 1998, t-taxxa ETS fuq id-drittijiet professjonali u l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficjali kontra l-konvenut, debitament ingunt ghas-subizzjoni .**

**Rat ir-riferta pozittiva tal-konvenut illi ggib id-data ta' April, 1999 .**

**Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici pprezentata llum stess u li permezz taghha t-talba attrici giet ridotta ghas-somma ta' mitejn tlieta u erbghin lira u tmien centezmi (LM243.08c), salv imghaxijiet legali mill-10 ta' Marzu, 1998, sad-data tal-hlas effettiv ; u dana stante pagament fil-mori tal-kawza skond kif jirrizulta mill-istatement anness mal-istess nota prezentata bhala dokument MC 01 .**

**Semghet ukoll lill-avukat Dottor Grezzju Mercieca, fl-istess seduta tal-lum ghan-nom tas-socjeta' attrici, illi kkonferma illi l-ammont kif ridott permezz tan-nota ndikata, ghadu dovut .**

**Il-Qorti ghal hekk fil-kontumacja tal-konvenut, u peress illi jidhrilha illi t-talba attrici kif ridotta hija gustifikata, tilqa' l-istess talba, tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn tlieta u erbghin lira u tmien centezmi, minnu dovuti lis-socjeta' attrici, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ghaxra (10) ta' Marzu, 1998 sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenut .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
Si14198Pc
(313 words)